— tikkundanna l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-appell u tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-Artikolu 2(7) u l-Artikolu 9(5) tar-Regolament Antidumping ta' Bażi ([1]) ma jobbligawx lill-istituzzjonijiet li jiddeċiedu fuq it-talbiet ta' status ta' impriża li topera f'ekonomija tas-suq (iktar 'il quddiem l-"SES") u ta' trattament individwali (iktar 'il quddiem "TI") fil-każijiet fejn huma japplikaw il-metodu ta' teħid ta' kampjuni;

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta naqset milli tikkonstata li l-istituzzjonijiet kisru l-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament Antidumping ta' Bażi billi astjenew milli jiddeċiedu fuq it-talbiet ta' SES u ta' TI tal-prodotturi esportaturi Ċiniżi magħżula fit-teħid ta' kampjuni fit-tliet xhur mill-bidu tal-investigazzjoni.

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta naqset milli tikkonstata li l-istituzzjonijiet kisru l-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament Antidumping ta' Bażi billi ma informawx il-produtturi esportaturi Ċiniżi mhux magħżula fit-teħid ta' kampjuni fir-rigward tal-eżami tat-talbiet ta' SEM u ta' TI fit-tliet xhur mill-bidu tal-investigazzjoni.

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta naqset milli tikkonstata li l-istituzzjonijiet ma kkooperawx matul l-investigazzjoni u li, għaldaqstant, il-Komunità Ewropea ma ssodisfatx il-kundizzjoni imposta mill-Artikolu 4(1) flimkien mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Antidumping ta' Bażi, peress li dan wassal għal evalwazzjoni żbaljata tal-ħsara u tar-rabta kawżali fis-sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament Antidumping ta' Bażi.

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Antidumping ta' Bażi ma jipprojbixxix lill-istituzzjonijiet milli jiġbru l-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet tat-teħid ta' kampjuni qabel il-ftuħ tal-investigazzjoni.

Sussidjarjament, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta naqset milli tikkonstata li l-istituzzjonijiet ma kisrux l-Artikolu 6(9) tar-Regolament Antidumping ta' Bażi billi qabżu t-terminu ta' ħmistax-il xahar stabbilit sabiex tiġi konkluża investigazzjoni.

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi matul l-evalwazzjoni tagħha tal-effetti legali tal-informazzjoni varja li tirrigwarda l-istabbiliment tal-eżistenza ta' ħsara fis-sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament Antidumping ta' Bażi.

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta naqset milli tikkonstata li l-istituzzjonijiet ma kkonformawx ruħhom mal-obbligu tagħhom li jeżaminaw bl-attenzjoni u imparzjalità l-aspetti kollha rilevanti tal-investigazzjoni antidumping.

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi matul l-evalwazzjoni tagħha tal-effetti legali ta' ċerta informazzjoni li tirrigwarda l-obbligu tal-awtoritajiet inkarigati mill-investigazzjoni li jagħtu motivazzjoni.

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonsatat li l-istituzzjonijiet kisru l-Artikolu 3 tar-Regolament Antidumping ta' Bażi billi naqsu milli jevalwaw l-impatt fuq l-industriji tal-Komunità Ewropea ta' fatturi oħrajn minbarra l-importazzjonijiet li huwa s-suġġett tad-dumping inkwistjoni.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, tat-22 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 10, p. 45.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Roma (l-Italja) fit-23 ta' Marzu 2010 — proċeduri kriminali kontra Alessandro Sacchi

**(Kawża C-255/10)**

(2010/C 209/38)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Roma

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Alessandro Sacchi

**Domanda preliminari**

Liema hija l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikoli 43 u 49 KE dwar il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-settur tal-imħatri fuq avvenimenti sportivi, anki fid-dawl tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-imsemmija dispożizzjonijiet tat-Trattat jawtorizzawx jew le leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi monopolju favur l-Istat u sistema ta' liċenzji u awtorizzazzjonijiet li, fil-kuntest ta' numru determinat ta' liċenzji, tipprovdi għal: a) l-eżistenza ta' tendenza ġenerali li tipproteġi persuni li

għandhom liċenzji li nħarġu preċedentement abbażi ta' proċedura li eskludiet illegalment operaturi oħra; b) il-preżenza ta' dispożizzjonijiet li jiggarantixxu *de facto* ż-żamma ta' pożizzjonijiet kummerċjali li nkisbu permezz ta' proċedura li eskludiet illegalment ċerti operaturi (pereżempju, billi pprekludiet li persuni liċenzjati ġodda jinstallaw il-kjosk tagħhom minn talinqas f'distanza speċifika minn dawk li diġà jeżistu); u ċ) l-iffissar ta' sitwazzjonijiet li jwasslu għar-revoka tal-liċenzja u għal kisba ta' depożiti ta' garanzija ta' ammonti kbar, inkluż il-każ fejn il-persuna liċenzjata topera direttament jew indirettament attivitajiet ta' logħob tal-ażżard transkonfinali simili għal dawk li huma s-suġġett tal-liċenzja?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Qorti tal-Appell (Diviżjoni Ċivili) fis-26 ta' Mejju 2010 — Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs vs The Rank Group PLC**

**(Kawża C-259/10)**

(2010/C 209/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

Court of Appeal (Civil Division) (England & Wales)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs

*Konvenuta:* The Rank Group PLC

**Domandi preliminari**

(1) Fejn hemm trattament differenti tal-VAT:

(i) fil-każ ta' provvisti li mill-perspettiva tal-konsumatur huma identiċi; jew

(ii) fil-każ ta' provvisti simili li jissodisfaw l-istess bżonnijiet tal-konsumatur; dan fih innifsu huwa suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit ksur tal-prinċipju tan-newtralità fiskali jew huwa rilevanti li jiġi kkunsidrat (u, jekk iva, kif)

(a) il-kuntest regolatorju u ekonomiku;

(b) jekk hemmx kompetizzjoni jew le bejn is-servizzi identiċi jew, skont il-każ, is-servizzi simili inkwistjoni; u/jew

(c) jekk it-trattament differenti tal-VAT ikkawżax distorzjoni tal-kompetizzjoni?

(2) Persuna taxxabbli, li l-provvisti tagħha huma, skont il-liġi nazzjonali, suġġetti għall-VAT (minħabba l-eżerċizzju ta' Stat Membru tad-diskrezzjoni tiegħu skont l-Artikolu 13B(f) tas-Sitt Direttiva ([1])) hija intitolata titlob il-ħlas lura tal-VAT imħallsa fuq dawk il-provvisti fuq il-bażi ta' ksur tal-prinċipju tan-newtralità fiskali li tirriżulta mit-trattament tal-VAT ta' provvisti oħra ("comparator supplies") fejn: -

(a) skont il-liġi nazzjonali, comparator supplies kienu suġġetti għall-VAT iżda

(b) l-awtorità tat-taxxa tal-Istat Membru kella l-prassi li titratta lill-comparator supplies bħala eżenti mill-VAT?

(3) Jekk ir-risposta għad-domanda 2 hija fl-affermattiv, x'kondotta tammonta għal prassi rilevanti, u b'mod partikolari:

(a) huwa neċessarju li l-awtorità tat-taxxa għamlet dikjarazzjoni ċara u inekwivoka li comparator supplies jiġu trattati bħala eżenti mill-VAT;

(b) huwa rilevanti li fiż-żmien meta l-awtorità tat-taxxa għamlet xi dikjarazzjoni kellha fehma mhux kompluta jew skorretta tal-fatti rilevanti għat-trattament korrett tal-VAT tal-comparator supplies; u

(c) huwa rilevanti li l-VAT ma nġabritx mill-persuna taxxabbli, jew mitluba mill-awtorità tat-taxxa, fir-rigward tal-comparator supplies, iżda li l-awtorità tat-taxxa sussegwentement ippruvat tirkupra dik il-VAT, fit-termini normali ta' żmien preskritti domestikament?

(4) Jekk id-differenza fit-trattament fiskali tirriżulta minn prassi konsistenti tal-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali bbażati fuq qbil ġenerali tat-tifsira vera tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, tagħmel xi differenza għall-eżistenza tal-ksur tal-prinċipju tan-newtralità fiskali jekk:

(i) l-awtoritajiet tat-taxxa sussegwentement ibiddlu l-prassi tagħhom;